MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Numru 580/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

**Gillian Attard**

**Illum 2 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Gillian Attard ta' 24 sena, bint Paul u Mary Rose nee' Abela, imwielda Pieta' fit-3 ta' Frar 1983, residenti fi 'Chrisgill', 201, Triq Sant'Anglu, Zejtun, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 114383 (M);

Billi giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fl-10 ta' Mejju 2007, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex gielghet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlet tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' sitt mija, u tmenin lira Maltin (Lm680.00) ghad-dannu ta' RSL Limited.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AG3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum, l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Malcolm Mifsud ghall-imputata iddikjaraw li jaqblu li l-ammont ta' danni sofferti mill-parte civile RSL Limited da parti tal-imputata hu ta' Ewro 1583.97 ekwivalenti ghall-Lm680.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 308, 309 u 310 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Gillian Attard, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi

kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-imputata u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Gillian Attard ghall-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputata Gillian Attard tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputata Gillian Attard li thallas lill-parte civile RSL Limited is-somma ta' elf, hames mija u tlieta u tmenin Ewro u seba' u disghin centezmu ta' Euro (Euro 1583.97) ekwivalenti ghall-sitt mija u tmenin Liri Maltin (Lm680) u dan fi zmien sitt (6) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Gillian Attard l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------